MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru. 86/2005

Il-Pulizija
(Sp Angelo Gafa')
vs
Martin Cachia, iben Michael, imwieled Pieta' fid-29 ta' marzu, 1959

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-23 ta' jannar, 2005, fuq il-monti ta' San Ġakbu, fil-Belt, Valletta ffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, għamel użu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-

bejgħ jew importa għall-ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbħin b'qerq u cioe' 1745 compact discs konsistenti f'DVD's, playstation software u CDs tal-mużika;

3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam jew mod ieħor offra għall-bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha u cioe' 1745 compact discs konsistenti f'DVD's, playstation software u CDs tal-mużika;

4. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 et seq. tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datati 16 ta' ottubru, 2001, 3 ta' frar, 2003 u 3 ta' ottubru, 2003 liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, tħassar il-liċenzja, jew inkella tissospendi tali liċenzja għal xi żmien, fid-diskrezzjoni tagħha, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 31 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet il-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi fit-23 ta' jannar, 2005, ġurnata tal-ħadd meta jarma l-monti fil-foss ta' San Ġakbu, il-pulizija marru ħdejn it-tilar li għandu l-imputat u minn fuq l-'istall' tiegħu ġew elevati elf

seba’ mija u ħamsa u erbgħin ‘optical diskettes’ b’kontenut ta’ DVDs, software tal-‘Playstation’ u CDs tal-mużika li kienu susspettati li kienu foloz. Il-pulizija elevaw minn idejn l-imputat ħdax il-DVD li dak il-ħin kien qed ibiegħhom lill-persuna oħra. Il-pulizija suspettaw li dawn l-oġġetti kienu foloz għaliex l-ippakkjar tagħhom kien kompletament differenti minn oġġetti simili li huma oriġinali. Fil-fatt ma kien fihom ebda tiketta jew marka oħra li biha wieħed seta’ jinduna bil-kontenut tad-‘diskette’.

Illi fil-kors ta’ l-investigazzjoni l-imputat kien allega mal-pulizija li xi ħadd mhux magħruf kien qiegħed dawk l-oġġetti hemm. Din il-versjoni prospettata mill-imputat ma tista’ titwemmen xejn.

Illi fis-seduta tal-4 ta’ marzu, 2005 l-Avukat Dottor Patrick Gales ikkonferma l-kwerela li hi meħtieġa biex titmexxa l-azzjoni kriminali a bażi tal-artikolu 298B tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-espert imqabbad minn din il-Qorti biex jeżamina l-materjal elevat mill-pulizija kkonferma li dawn l-oġġetti kollha huma foloz. Dan ifisser li dawn l-oġġetti kienu kollha ‘non compliant’ u ma kellhom ebda marka fuq ebda wieħed mill-‘optical diskettes’ li ġew eżaminati.

Illi skond il-provi prodotti mhemmx dubju li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha. L-abbli difensur ta’ l-imputat ressaq l-argument li wieħed ma setgħax ikun jaf jekk u lil min jappartjenu l-marki jew il-prodott. Din il-Qorti hi tal-fehma li f’każijiet bħal dawn ma hemm ebda dubju li dan hu xogħol kontrafatt u ġeneralment ta’ kwalita’ inferjuri.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat kien ġie ikkundannat għal reati simili b’sentenżi ta’ din il-Qorti, diversament presjeduta, tat-3 ta’ frar, 2003 u tat-3 ta’ ottubru, 2003. Għalhekk, jirrizulta li l-imputat hu reċidiv skond il-liġi. Għalhekk ukoll jidħol fis-seħħ l-artikolu 31 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 298(1)(a)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' għaxar telef euro (€10,000). Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti. Rat l-artikolu 31 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna s-sospensjoni tal-liċenzja tiegħu tal-kummerċ għal perjodu ta' xahar mil-lum. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin euro (€488) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' perit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------